# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 1032/05 LFS**

**Salvina Xerri f'isimha proprju u bhala mandatarja**
**ta' hutha imsefrin Pawla Vella u Joseph Cassar, u Rose Azzopardi**

**v.**

**Dr. Richard Sladden u P.L. Victor Bugeja li b'digriet**
**tal-11 ta' Dicembru 2006 gew nominati kuraturi deputati sabiex**
**jirrapprezentaw lil Nazzareno sive Reno Bezzina,**
**u lill-imsefrin Jane mart l-istess Nazzareno Bezzina,**
**u lil Gemma Duca, din ta' l-ahhar ghal kull interess**
**li jista' talvolta jkollha u b'digriet ta' l-10 ta' Jannar 2008**
**Jonathan Muscat assuma l-atti tal-kawza**
**ghal Nazzareno u Jane konjugi Bezzina**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-28 ta' Ottubru, 2005, u li jaqra hekk:

> "Peress illi Michael Cassar gia iben il-mejtin Pawlu u Ganna nee` Said miet fi Blacktown Hospital, Blacktown New South Wales, Australia fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju elf disa' mija disgha u tmenin (1989). Dan

Michael Cassar kien jigi missier l-atturi kollha, kif ukoll missier il-konvenuti Jane Bezzina u Gemma Duca [korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-21 ta' Frar, 2006];

"U peress illi huwa irregola s-successjoni tieghu b'testment maghmul l-Awstralja fis-sitta ta' Awissu elf disa' mija wiehed u sebghin (1971) skond il-forma Awstraljana, fejn halla bhala eredi tieghu lil martu Mary Cassar u fin-nuqqas taghha lil uliedu kollha ugwalment bejniethom;

"U peress illi missier l-atturi kellu zewg proprjetajiet immobiljari sitwati f'Malta, u cioe` bicca raba fi Triq Tat-Tigrija tal-kejl ta' madwar erba' (4) sighan, pari ghal madwar seba' mija tmienja u erbghin metri kwadri (748 m.k.); u ohra 'Tal-Buskett' *sive* 'Tal-Kanun' ta' l-istess kejl, u b'kamra fiha; u stante li l-missier ma setax ihalli aktar minn kwart indiviz lil martu, dawn il-proprjetajiet intirtu mis-sitt uliedu tant illi kienu l-ulied illi mlew id-denunzja tal-missier dwar dawn il-proprjetajiet, u hallsu t-taxxa tas-successjoni rigward taghhom;

"U peress illi difatti, immedjatament wara l-mewt tal-missier dawn il-proprjetajiet ghaddew f'idejn l-ahwa, u baqghu dejjem fil-pussess taghhom, u l-omm qatt ma irreklamat xi drittijiet ta' sid fuqhom, u qatt ma ippretendiet illi saru taghha jew li kienet hija li wirtithom minghand il-missier;

"U peress illi *cio` nonostante*, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri tat-tmienja (8) ta' Awissu elfejn u tlieta (2003), l-omm Mary Cassar bieghet dawn iz-zewg proprjetajiet lill-konvenuti Nazzareno u Jane konjugi Bezzina;
Illi dan it-trasferiment sar versu prezz irrizorju ta' erbat elef u mitejn Lira Maltija (Lm4,200) meta l-proprjetajiet *de quo* certament jiswew ferm aktar minn daqshekk;

"U peress illi l-atturi qeghdin jattakkaw dan it-trasferiment sija ghaliex sar *a non domino* peress illi l-artijiet kienu jappartjenu lill-atturi u huthom il-konvenuti Gemma Duca u Jane Bezzina, u mhux lill-omm kif ukoll, u in linea sussidjarja ghaliex il-prezz illi suppost thallas ghal dawn il-proprjetajiet ma jirriflettix il-valur veru taghhom;

"Ghidu ghalhekk intom konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li meta gie pubblikat il-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar John Spiteri tat-tmienja (8) ta' Awissu elfejn u tlieta (2003), l-artijiet li suppost gew trasferiti bis-sahha tieghu mill-venditrici Maria Cassar lill-konvenuti konjugi Bezzina ma kienux jappartjenu lill-istess Maria Cassar;

"2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmi kuntratt null; u tordna r-rivendika ta' l-artijiet fuq imsemmija a favur tas-sitt ulied ta' Michael Cassar, illi huma l-atturi, u l-konvenuti Gemma Duca u Jane Bezzina;

"3. U fin-nuqqas, u in linea sussidjarja, tiddikjara u tiddeciedi li l-imsemmi kuntratt huwa sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' kuntratt oneruz;

"4. Konsegwentement tiddikjarah null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni.

"B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontra l-konvenuti konjugi Bezzina kontestwalment mal-prezentata tac-citazzjoni kontra l-istess konvenuti.

"Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma gew ingunti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi konvenuti li in forza taghha eccepew:

"1. Illi l-eccipjenti, m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-imsefrin konvenuti.

"2. Illi ghal dan l-iskop l-esponenti kitbu lid-difensur tal-atturi sabiex jinghataw kwalunkwe informazzjoni li hu u/jew l-atturi ghandhom dwar l-indirizz tal-assenti konvenuti.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-verbal tal-24 ta' Settembru, 2007, li fih il-kuratur Dr Sladden informa lill-Qorti li fid-dawl ta' talba ghall-hatra ta' kuraturi ghal Nazzareno Bezzina, in-nota tal-eccezzjonijiet hawn fuq indikata ghandha tiftiehem li tghodd ukoll ghal Nazzareno Bezzina;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Jonathan Muscat nomine li in forza taghha eccepixxa:

> “1. Illi t-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu respinti stante illi la jissussistu fil-fatt u wisq inqas fid-dritt, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
>
> “2. Illi l-atturi qeghdin jibbazaw, it-titolu taghhom fuq zewg proprjetajiet immobiljari, fuq denunzja li kienu mlew wara l-mewt ta’ missierhom. Legalment denunzja ma tikkostitwixxi titolu ta’ propjeta` u madankollu m’hemm l-ebda ricerki li jissustanzaw il-pretenzjoni tal-atturi;
>
> “3. B’rizerva ghal eccezzjonijiet ohra;
>
> “Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Ottubru, 2011, li in forza taghha gew michuda t-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Ikkunsidrat
>
> “**C. PROVI:**
>
> “Xehedet Rose Azzopardi li qalet li nqratilha c-citazzjoni odjerna u ikkonfermat bil-gurament il-kontenut taghha. Semmiet li l-proprjetajiet jinsabu fin-Nadur, Ghawdex u li gejjin min-naha ta’ missierha. Kienet saret qasma bejn missierha u hutu tal-proprjetajiet tan-nanniet ghall-habta ta’ l-1950’s. Semmiet li ommha kienet ippruvat tbigh il-propjetajiet li kienu missew lil missierha, jigifieri l-proprjetajiet in kwistjoni. Ziedet li ommha mietet xi sentejn qabel.
>
> “Xehedet Salvina Scerri li ikkonfermat ic-citazzjoni. Ziedet li kienet saret il-qasma tal-proprjetajiet tan-nanniet u fosthom missierha messu l-artijiet *de quo*.
>
> “Dr. Carmelo Galea opprezenta kopja ta’ kuntratt ta’ qasma fl-Atti tan-nutar Dr. Giuseppe Cauchi ta’ l-20 ta’ Frar, 1965 li permezz tieghu fil-hames porzjoni tal-kuntratt l-immobbli *de quo* gew assenjati lil Mikiel Cassar missier il-kontendenti.

"Gieipprezentat affidavit ta' Jane Bezzina fejn issemma li missierha kien miet fit-23 ta' Lulju, 1989 fi Blacktown l-Awstralja. Missierha kien Malti minn Ghawdex residenti l-Awstralja. Sostniet li s-successjoni tieghu kienet regolata permezz ta' testment maghmul validament taht il-ligi Awstraljana fis-6 ta' Awissu 1971. F'dak it-testment kien halla l-proprjeta` kollha tieghu lil martu Mary Cassar jew lil uliedu fi kwoti ugwali bejniethom jekk martu tmut qablu. Fil-fatt martu mietet warajh u ghalhekk wirtet kollox hi skond il-ligi Awstraljana. Ommha wkoll kienet toqghod regolarment fl-Awstralja meta wirtet il-proprjeta`. Missierha kien halla zewg *plots* fin-Nadur, Ghawdex bhala proprjeta` parafernali u ghalhekk kienet proprjeta` assoluta tieghu. Ohtha Salvina Xerri kienet ghamlet id-denunzja tas-successjoni mad-Dipartiment tas-

"Successjoni f'Malta *ad insaputa* taghha u fiha iddikjarat it-tfal bhala l-werrieta u mhux ommha. Sal-2004 la hi u anqas ommha ma kienu jafu b'din id-denunzja. Peress li hi u zewgha xtaqu jakkwistaw l-art in kwistjoni kienu maru Malta u kellmu lin-Nutar John Spiteri. Il-bejgh sar ghal Lm4,200 fit-8 ta' Awissu, 2003. Fil-5 ta' Awissu, 2005 irceviet interpellazzjoni minghand Dr. Carmelo Galea fejn intalbet tirrexxindi l-kuntratt u li fi kwalunkwe kaz il-prezz kien baxx wisq.

"Meta xehdet semmiet li ommha kienet qabbdet lil ohtha biex taghmel id-denunzja ghan-nom ta' ommha, izda wara ma semghet xejn aktar.
Xehed in-Nutar John Spiteri u qal li l-kuntratt tat-8 ta' Awissu, 2003 kien bejn Mary armla ta' Carmel Cassar u bintha Jane Bezzina u r-ragel taghha. Semma li hu kien irreferihom kemm ghal-ligi Awstraljana kif ukoll ghal dik Maltija u z-zewg interpretazzjonijiet taghhom izda ghazlu li jipprocedu. Il-prezz kienu irrangawh bejniethom. L-art kienet *land registration*.

"Gie ipprezentat affidavit ta' Nazzareno Bezzina fejn ikkonferma li Michael Cassar, Malti minn Ghawdex, u residenti fl-Awstralja kien miet fl-1989 fl-Awstralja. Precedentement kien ghamel testment fl-Awstralja fis-6 ta' Awissu, 1971. Sostna li Cassar kien domiciljat fl-Awstralja u ghalhekk it-testment validu skond il-ligi Awstraljana li permezz taghha Cassar seta' jhalli l-proprjeta` kollha tieghu lil martu. Fil-fatt Michael Cassar kien ghamel hekk. Semma l-proprejeta` parafernali ta' Michael Cassar f'Ghawdex u dwar kif xtraw l-imsemmija art.
Meta xehed semma li d-denunzja saret minn Salvina Xerri. Din kienet indikat lit-tfal bhala l-werrieta.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti fil-qosor:***

"Il-kawza odjerna tikkonsisti f'talba biex il-Qorti tiddikjara l-kuntratt tat-8 ta' Awissu, 2003 fejn gew trasferiti artijiet minn Maria Cassar lill-konjugi Bezzina fil-fatt ma kienux ta' l-imsemmija Maria Cassar u li konsegwentement il-kuntratt kien null u talba ghar-rivendika ta' l-artijiet

u li l-kuntratt imsemmi huwa sostanzjalment donazzjoni simulata u ghalhekk talba ghan-nullita` ta' l-istess.

"Irrizulta li l-proprjeta` *de quo* kienet parafernali ta' Michael Cassar li kien mizzewweg lil Mary cassar u li miet fit-23 ta' Lulju, 1989. Hu kien ghamel testment fl-Awstralja fis-6 ta' Awissu, 1971 fejn halla l-proprejta` tieghu lil Mary Cassar u jekk din tmut qablu lis-sitt uliedhom ugwalment bejniethom.

"Hemm qbil li Michael Cassar kien emigra lejn l-Awstralja. Izda l-atturi jsostnu li t-testment mhux validu in kwantu jmur kontra d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 603 tal-Kodici Civili minhabba li l-missier halla warajh sitt ulied u ghalhekk ma setax ihalli lil martu aktar minn kwart tal-beni tieghu fi proprjeta`.

"Minn dan johrog car li l-Qorti trid tezamina l-kwistjoni tad-domicilju ta' l-imsemmi Michael Cassar.

"***D2. Pretensjoni atturi:***

"L-atturi jsostnu li mal-mewt ta' missierhom, kulhadd accetta li dawk il-proprjetajiet ghaddew a favur ta' l-ulied bil-pussess favur l-ulied u mhux favur l-omm. Inoltre, saret id-denunzja tal-proprjeta` tal-missier u gie ddikjarat li l-eredi tal-missier kienu l-ulied u mhux l-armla. Minhabba f'hekk, sostnew li dan il-bejgh sar *a non domino* u kwindi huwa null. Ziedu li l-prezz illi nbieghu dawn iz-zewg proprjetajiet kien ta' Lm4,200 - prezz ferm baxx u addirittura irrizorju meta mqabbel mal-valur veru u reali ta' l-istess proprjetajiet.

"***D3. Sottomisjoni ta' l-atturi dwar nuqqas ta' eccezzjoni tal-konvenuti:***

"L-atturi jsostnu li:

> "l-Qorti ma tista' qatt tqajjem kwistjonijiet jew tidhol f'konsiderazzjonijiet ohra ghajr dawk illi jiffurmaw il-"massa litigjuza" bejn il-partijiet – *cioe*` l-punti li dwarhom hemm vertenza bejn il-partijiet fil-kawza. Altrimenti tkun qeghda tmur *ultra petita* u *extra petita*. Il-gudikant huwa
>
> dejjem marbut b'dak illi l-partijiet ikunu qed jikkwistinjaw bejniethom fuqu, u dak illi l-partijiet jressqulu ghall-konsiderazzjoni tieghu fit-talba (cjoe` fic-citazzjoni, jew illum, fir-rikors guramentat) u r-risposta ghal dik it-talba (fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, jew illum, fir-risposta guramentata)…"

"In sostenn ta' dan irreferew ghall-kawza fl-ismijiet **Giulia Galea vs Borg** (Cit. Nru. 48/2002) ta' l-1 ta' Gunju 2007 fi stadju ta' appell *in parte*. F'dik il-kawza jirrizulta li l-htiega li ssir nota ta' eccezzjonijiet formalment hija ntiza mil-legislatur proprju bl-iskop li kull parti tkun taf ezatt x'inhuma l-parametri ta' l-azzjoni u tad-difiza avvanzata mill-parti

konvenuta. Semplici nota ta' osservazzjonijiet m'ghandhiex isservi biex tirrimpjazza nota ta' eccezzjonijiet. Kien a bazi ta' dan l-aggravju ta' l-atturi appellanti taht dan l-aspett kien kunsidrat fundat u gie milqugh.
L-atturi komplew isostnu li l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma issollevawx u ma issottomettewx ghad-decizjoni tieghu, *ammeno che` non si tratta* minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva *ex officio* - **Joseph Gatt vs Joseph Galea**, Appell Civili 12 ta' Lulju 1965; **Regina mart Francis Cacciottolo vs Francis Cacciottolo**, Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976.
L-istess atturi jikkontendu:

> "…li l-bazi tal-kawza taghhom mhix semplicement id-denunzja ta' missierhom, izda ghall-kuntrarju huma qeghdin isostnu li galadarba l-proprjeta` kienet originarjament tappartjeni lil missierhom, dan ta' l-ahhar ma seta' qatt ihalli lil ommhom, *cioe`* lil martu bhala eredi tieghu u li t-trasferiment sussegwenti da parti ta' ommhom lill-konvenuti odjerni huwa kwindi null…"

"L-atturi sostnew li t-testment li bih Michael Cassar innomina lil martu bhala eredi unika tieghu huwa assolutament null skond il-ligi ta' Malta, u li ghalhekk il-kuntratt li bih Mary Cassar bieghet l-artijiet *de quo* lil bintha huwa wkoll null ghaliex kuntratt maghmul *a non domino*.

"Huwa veru li l-Qorti m'ghandhiex hi stess tohloq eccezzjonijiet ghall-konvenut jekk dan ma jkunx ghamilhom, izda dan ma jista' qatt iwassal li l-Qorti tassumi bhala valida xi haga li mhix valida. Infatti anke nuqqas ta' eccezzjonijiet, ossija kontumacja, ghandha titqies bhala oppozizzjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tezamina jekk il-premessi jwasslux flimkien mal-provi ghall-akkoljenza tat-talbiet maghmula mill-attur / rikorrent.
Fit-22 ta' Frar, 2010, din il-Qorti kif presjeduta fir-Rikors Nru. 207/06FS fil-kawza fl-ismijiet **Mark Borg vs Alan Briffa, B.Kam Holdings Limited (C24868) u Ready To Move In Limited (C32229)** qalet:

> "Huwa veru li l-kontumacja fil-gurisprudenza nostrana ghandha titqies bhala oppozizzjoni. Infatti fil-kawza deciza fit-28 ta' Lulju 1987 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Joseph Galea vs Alfred Cardona** (LXXXI-I-II-392) inghad:
>
> "Ghalkemm il-konvenut jibqa` kontumaci, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eccezzjoni u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja."
>
> "Ara wkoll **Emanuel Genovese vs Mario Borg**, deciza fit-12 ta' Dicembru 2000, Prim'Awla, Imhallef R. Pace, LXX-IV-III-251; u **Edwin Bonello vs Anne Jenkins**, deciza fis-7 ta' Dicembru 2000, Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, LXXXIV-III-234."

"Dan iwassal ghall-kuncett li ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex minn rajha tqajjem eccezzjonijiet, fl-istess hin ghandha l-obbligu li tara li l-premessi huma konformi mal-ligi u li t-talbiet jirrizultaw pruvati a tenur ta' l-istess ligi. Dan naturalment iwassal ghall-fatt li jekk fil-kaz in ezami it-testment maghmul minn Michael Cassar kien validu kif ser jigi spjegat hawn taht, dipendenti mill-kuncett tad-domicilju, din il-Qorti ma tistax tiddikjarah null ghax ma nghatatx f'dan is-sens. Dan necessarjament jirrikjedi ezami tal-kuncetti dwar id-domicilju biex jigi stabbilit il-validita` *o meno* ta' l-imsemmi testment.

"***D4. L-aspett tad-Domicilju:***

"Dwar l-aspett ta' domicilju hemm id-domicilju ta' l-origini u dak ta' l-ghazla. Id-domicilju ta' l-origini jibqa' jissussisti sakemm ma jigix akkwistat domicilju gdid, liema domicilju gdid jigi akkwistat permezz ta' zewg rekwiziti, u cioe` r-residenza f'pajjiz kif ukoll l-intenzjoni tal-persuna u cioe` li tibqa' fil-pajjiz il-gdid b'mod permanenti. Ma hemm ebda ordni kronologika ta' dawn iz-zewg elementi u wahda tista' tipprecedi jew tissuccedi l-ohra. It-tul tar-residenza mhux kriterju konklussiv ghax iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha relevanti biex temergi l-konkluzjoni tad-tibdil *o meno* tad-domicilju.

"It-tieni element, u cioe` dak ta' l-intenzjoni, jabbraccja zewg principji u cioe` n-natura ta' l-intenzjoni u l-evidenza ta' tali intenzjoni. In-natura ghandha tkun tali li f'mohh il-persuna jkun hemm l-intenzjoni ta' residenza permanenti (**Udny vs Udny**, 1896). L-evidenza ta' l-intenzjoni tigi manifestata minn pregudizzji, religjon, sahha, impulsi, imhabbiet, kondotta, aspettattivi finanzjarji u elementi ohra, liema indizji ta' l-intenzjoni tal-persuna jwasslu ghall-evidenza ta' l-intenzjoni taghha dwar l-aspett ta' domicilju.

"L-intenzjoni tal-bdil ta' domicilju tista' temergi min-nuqqas ta' *animus manendi*, ossija l-intenzjoni li wiehed jibqa' f'pajjiz jew ghall-kuntrarju mill-*animus non redeundi*, ossija l-intenzjoni li wiehed ma jirritornax lejn id-domicilju precedenti.

"L-atturi jsostnu li Michael Cassar baqa' dejjem domiciljat Malta waqt li l-konvenuti jsostnu li Michael Cassar miet domiciljat fl-Awstralja. Konsegwentement kien lecitu ghalih illi jinnomina lil martu eredi universali tieghu ad eskluzjoni tas-sitt uliedu. Certament li Michael Cassar kien domiciljat f'Malta almenu sakemm huwa emigra u stabbilixxa ruhu fl-Awstralja.

"Fil-kawza **Mary Debattista vs George Debattista**, Appell, 16/10/1961, (XLV.i.318) inghad:

> "Bhala regola jidher li hu principju affermat diversi drabi mill-Qrati Taghna illi l-Malti li jemigra, avolja jdum hafna zmien, ma jitlefx id-domicilju tal-origini tieghu meta jkun mar ghax-xoghol, anke jekk jiehu

> l-familja mieghu, sakemm ma jkunx hemm provi precizi li huwa ma ghandux ebda intenzjoni li jigi lura...".

"Infatti, anke l-akkwist ta' proprjeta` immobbli barra minn Malta u kuntrattazzjoni ta' zwieg barra minn Malta ma humiex bizzejjed biex wiehed jitlef id-domicilju originali. Ara f'dan ir-rigward **Virginia Fenech vs Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier *et noe***, Prim'Awla 07/09/1964 (XLVIII.ii.1147). Rinunzja ghal domicilju jrid jirrizulta minn cirkostanzi gravi, precizi u konkordanti, ara **Carmela Frendo vs Dr. Rene` Cremona *et noe***, (Prim'Awla 21/04/1961 - XLV.ii. 623). Bl-istess mod, il-permanenza, anke ghal zmien twil hafna, mhux bizzejjed minnu nnifsu biex jikkostitwixxi prova ta' l-intenzjoni li wiehed jichad id-domicilju ta' origini tieghu. Ara **Romeo Sammut *noe* vs Dr. Emmanuele Albanese *et noe***, Qorti tal-Kummerc 17/02/1936 (XXIX.iii.232), **Achille Dagata vs Marchesa Luisa Drago**, Prim'Awla 16/06/1884, u **Alfred Cassar vs Dr. Gerald Montanaro Gauci**, Prim'Awla, 3/12/1962, (XLVI.ii. 727).

"Tibdil f'domicilju jrid jirrizulta minn provi cari konklusivi li persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna lura. Domicilju ta' l-origini jibqa' jsehh sakemm ma jigix assunt domicilju iehor, u ghalhekk li persuna ma tirritornax lura izjed fid-domicilju precedenti b'mod permanenti. Irid jirrizulta li l-persuna ma kellhiex l-intenzjoni li tirritorna u li anzi kellha l-intenzjoni tistabbilixxi ruhha fil-post il-gdid. Fil-kawza **Lepre vs Dr. Joseph Tabone Adami *noe***, Prim'Awla 28/3/1960, (XLIV.ii.576), gie ikkwotat Halsbury fejn inghad:

> "*every person at birth becomes a member both of a political and of a civili society. The former determines his political status or nationality, on which depends his allegiance to a sovwereign; the latter governs the latter determines his civil status. This means that the law which governs the civil society into which he is born, the law of his domicil of origin, is attached to his person and remains so attached wherever he goes, unless and until he ceases to be a member of that society, or changing hi domicil; upon which the law of the new domicil becomes attached to him in the same manner (Laws of England, Vol. VI, no. 242, Hailsham Edition)".*

"***D5. Domicilju ta' Michael Cassar fil-kaz in ezami:***

"L-atturi jsostnu li ma sar ebda tibdil fid-domicilju ta' Michael Cassar ghar-ragunijiet segwenti:

> "a. Nazzareno Bezzina stess jammetti li Michael Cassar zamm ic-cittadinanza ta' art twelidu sa' mewtu. Huwa jiddeskrivih, kif iddeskrivietu anke l-konvenuta Jane Bezzina, bhala '*a Maltese national from Gozo*';
>
> b. Michael Cassar zamm, sal-gurnata ta' mewtu, il-proprjeta` immobiljari li kienet messet lilu fid-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tieghu;

c. Insibu wkoll illi mis-sitt ulied illi kellu Michael Cassar, tnejn baqghu bil-familja hawn Malta;

d. U finalment insibu wkoll l-ammissjoni ta' Nazzareno Bezzina stess fis-sens illi: 'qed nigi mistoqsi jekk jiena qattx iddiskutejt mal-*father-in-law* jekk riedx jerga' jigi lura Malta nghid li huwa kien qalli li dejjem ried jigi lura Malta. Nghid li dejjem ried jigi lura Malta imma l-mara tieghu ma riditx tigi lura Malta."

"Minhabba f'hekk l-atturi zammew li Michael Cassar zamm id-domicilju Malta bil-konsegwenza li s-successjoni tieghu trid tkun regolata bil-ligi Maltija, almenu ghal dak li jirrigwarda regola tal-ligi ta' ordni pubbliku. Ghalhekk japplika l-artikolu 603 tal-Kap 16.

"Izda, il-konvenuti jirreferu ghall-fatt li Michael Cassar baqa' jghix l-Awstralja ghal zmien indefinit, ghall-fatt li huwa qatt ma irritorna lejn Malta (baqa' l-Awstralja ghal aktar minn 20 sena, sewwa sew sa mewtu) anke ghalkemm din kienet ix-xewqa tieghu izda li l-mara tieghu qatt ma riedet tisma' b'dan; il-fatt li huwa ghazel il-ligi Awstraljana biex jiddisponi minn gidu huwa ta' importanza fundamentali. Ghalkemm ta' certu eta` hu baqa' jghix l-Awsralja u din hija riflessjoni ta' l-intenzjoni li ma jirritornax lura lejn Malta. Meta martu li kienet tghix mieghu fl-Awstralja kienet tigi Malta ghal xi btala, Michael Cassar qatt ma akkunpanjaha f'dawn iz-zjarat.

"Naturalment il-Qorti ghandha l-obbligu li taghmel l-evalwazzjonijiet taghha biex tikkonkludi jekk l-imsemmi Michael Cassar kienx fil-fatt biddel id-domicilju tieghu a tenur tal-principji fuq imsemmija u l-fatti esposti fil-kawza. Il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li minhabba li Cassar emigra b'mod permanenti u li ghalkemm kellu x-xewqa li jirritorna ghal Malta, kien jaf li din kienet holma irrangungibbli minhabba li martu ma riditx tigi lura Malta b'mod permanenti, kien sar f'mohhu tibdil tad-domicilju tant li anke irregola l-pozizzjoni testamentarja tieghu bil-ligi Awstraljana. L-eta` tieghu u l-fatt li ma kellux pjanijiet ta' ritorn lura f'Malta jindika li f'mohh l-istess Cassar hu kien qed jirrisjedi gewwa l-Awstralja b'mod permanenti.

"Stante li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li Michael Cassar kien domiciljat l-Awstralja, it-testment tieghu jrid jitqies bhala wiehed validu, ghalkemm ma jaqbilx ma' dak imsemmi taht il-ligi Maltija.

"***D6. Il-kuntratt ta' vendita bejn Mary Cassar u l-konjugi Bezzina:***

"Dan it-trasferiment sar a tenur tal-ligi Maltija ossija bl-applikazzjoni tal-*lex situs*. Il-venditrici kellha d-dritt li taffettwa l-bejgh. Dwar l-aspett tal-prezz u l-validita` tieghu, anqas l-istess rikorrenti odjerni ma talbu xi nomina ta' xi periti ghall-istima necessarja, u wara kollox kienet tkun inutili *stante* li l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni tal-validita` tat-testment minhabba d-domicilju ta' Michael Cassar. L-atturi odjerni ma ghandhom

> ebda dritt li jintavolaw proceduri dwar l-ammont tal-prezz dikjarat fic-cirkostanzi relevanti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha

> "thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi:-
>
> "(i) Tiddikjara illi fil-gurnata ta' mewtu, Michael Cassar kien domiciljat f'Malta u illi ghaldaqstant is-successjoni tieghu ghandha tigi regolata bil-ligi Maltija, inkluz ma' din l-Artikolu 603 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "(ii) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-att ta' bejgh maghmul minn Maria Cassar fl-atti tan-Nutar John Spiteri fit-tmienja (8) ta' Awwissu elfejn u tlieta (2003) huwa null stante illi l-proprjeta` illi kellha tigi trasferita bis-sahha tal-istess att ma kinitx proprjeta` tal-venditrici Maria Cassar, izda minflok kienet proprjeta` tas-sitt ulied ta' Michael Cassar, u dan hekk kif din iddevolviet a favur taghhom mis-successjoni tieghu; u
>
> "(iii) Konsegwentement tordna r-rivendika tal-proprjeta` relattiva a favur tas-sitt ulied tal-istess Michael Cassar, senjatament l-esponenti appellanti u l-konvenuti Gemma Duca u Jane Bezzina,
>
> "U dana kollu taht dawk il-provvedimenti illi din l-istess Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa u opportuni skont il-kaz.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti appellati."

Rat ir-risposta tal-kuraturi konvenuti li biha jirrimettu rwiehom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jirrivendikaw sehemhom fuq proprjeta` li tinsab hawn Malta minn wirt missierhom Michael Cassar. Dan tal-ahhar ghamel testment l-Awstralja fejn kien jghix skont il-forma Awstraljana u halla gidu lil martu, Mary Cassar. L-atturi jallegaw li darba li zewg binjiet, formanti parti mill-wirt, jinsabu Malta, hija applikabbli, fil-konfront taghhom, il-ligi Maltija, li jfisser li l-missier ma setax ihalli aktar minn kwart indiviz lil martu. Din Mary Cassar pero`, bieghet dawn iz-zewg proprjetajiet lill-konvenuti Nazzareno u Jane konjugi Bezzina. L-atturi qed jitolbu li dan il-bejgh jigi dikjarat null ghaliex sar *a non domino*.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li qieset li, darba Michael Cassar kien biddel id-domicilju tieghu minn dak Malti ghal dak Awstraljan, it-testment li ghamel l-Awstralja, validu skont il-ligi ta' domicilju tieghu, kien jorbot, u l-proprjeta` ghaddiet b'mod validu fuq martu li setghet tiddisponi minnhom kif ghamlet.

L-atturi appellaw mis-sentenza u ilmentaw mill-apprezzament hazin li wassal lill-ewwel Qorti tikkonkludi li Michael Cassar kien fil-fatt biddel id-domicilju tieghu minn dak f'Malta ghal dak fl-Awstralja.

Ghalkemm il-proprjeta` immobbiljari in kwistjoni tinsab f'Malta, l-atturi qed jibbazaw it-tezi taghhom ghall-applikazzjoni tal-ligi Maltija mhux a bazi tal-*lex situs* li, in generali, ghandha tirregola l-materja ghal dak li jikkoncerna immobbli (ara, per ezempju, **Soprounovskaia v. Bartolo noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru, 2012, u **Whelon v. Said** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fis-26 ta' Jannar, 2010), izda fuq il-fatt li, skont huma, il-missier zamm id-domicilju Malti avolja emigra lejn l-Awstralja. Dan qed jinghad peress illi ghalkemm l-Artikolu 310(d) tal-Kodici Civili jiklassifika azzjonijiet dwar wirt bhala immobbli, il-massa ereditarja hija oggett wiehed, proprjeta` wahda, u l-*lex situs* ta' massa ereditarja hija wkoll il-*lex domicilii*. L-eredita` hija *universitas rerum*, haga wahda. Fi kliem il-gurista Vitali (Vittore Vitali, "*Delle Succcesioni Legittme e Testamentarie*" fi *Il Diritto Civile Italiano*, parte Nona, pag. 10-12),

> "*L'eredita` e`, quindi, il patrimonio, che il defunto lascia dopo di se`: complesso ideale di attivita` e di passivita`, che, invece di lui, sta a rappresentarlo nei rapporti dei successibili e dei terzi. Percio` l'eredita`, nella mente dei giuristi romani, era una idealita` giuridica (nomen juris), che quel complesso di rapporti rappresentava e cui si attribuiva quasi la funzione di persona giuridica (persone vice fungitur). Ne consegue, che come il patrimonio, cosi` l'eredita` e` una universalita` di diritto (universum jus, omne jus, universa bona). Non sarebbe, quindi, ben definita: "l'insieme delle cose, che hanno la determinazione di passare all'erede", il che invece ben si appella asse ereditario o massa di beni*."

Fil-kawza **Smith v. Muscat Azzopardi** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar, 1936, kien gia` gie osservat illi f'materja ta' successjoni, sistema unitarja tal-ligi applikabbli tkun "*more reasonable in*

*view of the unity of its effects, whereas a differentiation as regards the law applicable to movables and the law applicable to immovables would be bound to create confusion*". *Dan intqal b'riferenza* ghad-duttrina kif esposta minn Dumoulin u Savigny.

Hekk ukoll qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **De Giovanni v. Mifsud Speranza**, deciza fl-10 ta' Marzu, 1960, fis-sens li, trattandosi ta' wirt "*il-patrimonju hu wiehed*". F'materja ta' wirt hi ghalhekk applikabbli l-*lex domicilii* tad-decujus. Fuq dan donnhom jaqblu l-partijiet ghax, kif inghad, il-kontroversja ddur fuq id-domicilju li kellu Michael Cassar fid-data tal-mewt tieghu.

Fil-kuntest ta' domicilju, hemm zewg tipi ta' domcilji: id-domicilju tal-origini u dak tal-ghazla. L-awturi Cheshire and North ("Private International Law", 12th Edith. Pagna et seq. 139), hekk spjegaw id-differenza bejn iz-zewg kuncetti:

> "… *the domicil of origin that is communicated by operation of law to each person at birth, i.e. the domicil of his father or his mother, according to whether he is legitimate or illegitimate; and the domicil of choice which every person of full age is free to acquire in substitution for that which he at present possesses*."

Id-domicilju tal-origini jista', ghalhekk, b'ghazla tal-persuna, jigi sostitwit matul hajtu. L-elementi ghall-identifikazzjoni tad-domicilju tal-ghazla huma tnejn: ir-residenza u l-intenzjoni. Kif ikomplu jfissru l-awturi gia`

citati: "*The two requsites for the acquisition of a fresh domicil are residence in a certain country with the intention of remaining there permanently … These two elements of residence and intention must concur, but this is not to say that there need be unity of time in their concurrence. The intention may either precede or succeed the establishment of the residence. The emigrant forms his intention before he leaves … the émigré who flees from persecution may not form it until years later.*"

Dwar l-ewwel rekwizit l-istess awturi jispjegaw illi residenza tippressupponi prezenza fizika: "*Residence in a country for the purpose of the law of domicile is physical presence in that country as an inhabitant of it. (IRC v Duchess of Portland (1982) Ch 314 at 318 – 319).*"

Kemm iddum din ir-residenza mhix daqstant rilevanti ghax, "*Whatever weight is given to the length of residence, it is undeniable that time is not the sole criterion of domicil. Everything depends on the attendant circumstances, for they alone disclose the nature of the person's presence in a country … Conversely, brevity of residence is no obstacle to the acquisition of a domicil, if the necessary intention exists.*"

Sabiex jigi sodisfatt l-element formali tal-intenzjoni jrid imbaghad jigi ipprovat li kien hemm il-hsieb ta' dak li jkun li joqghod b'mod permanenti fit-territorju fejn ikun jirrisjedi. "… *the acquisition of a domicil of choice requires an intention by the propositus to remain permanently in the territory in which he resides. This is not difficult to understand if the word permanent is used in its correct sense as signifying the opposite of 'temporary'. According to the Shorter Oxford Dictionary, it means 'lasting or designed to last indefinitely without change' and this indeed is the definition that most judges have recognized when required to consider the nature of the intention necessary for a change of domicil*" (ibid pag. 144). Izjed minn hekk irid jigi pruvat li f'certu punt ta' hajtu, id-decujus kellu intenzjoni li jghix f'pajjiz partikolari: "*The traditional statement that there must be a present intention of permanent residence merely means that so far as the mind of the person at the relevant time was concerned he possessed the requisite intention. The relevant time varies with the nature of the inquiry. It may be past or present. If for example, the inquiry relates to the domicil of a deceased person, it must be ascertained whether at some period in his life he had formed and retained a fixed and settled intention of residence in a given country. Once this is established, evidence of his subsequent fluctuations of opinion as to whether he would not move elsewhere will be ignored*" (ibid pag. 147). Dan ir-rekwizit tal-intenzjoni jigi sodisfacentement ippruvat billi jigi ikkonsidrat kull avveniment fil-hajja ta'

persuna. "*It is impossible to lay down any positive rule with respect to the evidence necessary to prove intention. All that can be said is that every conceivable event and incident in a man's life is a relevant and an admissible indication of his state of mind. It may be necessary to examine the history of his life with the most scrupulous care, and to resort even to hearsay evidence where the question concerns the domicil that a person, now deceased, possessed in his lifetime. Nothing must be overlooked that might possibly show the place which he regarded as his permanent home at the relevant time. No fact is too trifling to merit consideration… However, undue stress must not be laid on any single fact, however impressive it may appear when viewed out of its context, for its importance as a determining factor may well be minimized when considered in the light of other quantifying events. Again no one fact is of constant value, for every case varies in its circumstances, and what is of decisive importance in one may be of little weight in another*" (ibid pag. 148-149).

Mill-provi prodotti fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza irrizulta illi d-decujus Micheal Cassar ta' nazzjonalita` Maltija minn Ghawdex, emigra lejn l-Awstralja fejn miet f'Lulju tal-1989; it-testment kien ghamlu l-Awstralja f'Awwissu tal-1971. Hu veru li ghandna gurisprudenza li tghid li l-fatt ta' emigrazzjoni wahdu ma jwassalx ghall-bidla ta' domicilju, pero`, dan japplika sakemm ma jkunx hemm provi cari li juru li l-emigrant ma kellux

hsieb jirritorna f'pajjizu tat-twelid. Kif inghad, bidla fid-domicilju issehh jekk dak li jkun, f'xi mument f'hajtu, "*he had formed and retained a fixed and settled intention of residence in a given country*".

Hi l-fehma ta' din il-Qorti li f'dan il-kaz, Michael Cassar ma fformax hsieb determinat li jibqa' fl-Awstralja b'mod indefinit. Bidla fid-domicilju trid prova a bazi ta' "*cirkostanzi gravi, precizi u konkordanti*" (ara **Frendo v. Cremona et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' April, 1961) u dawn ma jirrizultawx. Il-fatt li dam 20 sena fl-Awstralja ma jfissirx li hu ried jibqa' hemm, u, minn naha l-ohra, il-fatt li zamm il-proprjeta` immobbiljari illi huwa kellu f'Malta, proprjeta` li kienet gejja mill-wirt tal-genituri tieghu, juri li ma kellux il-hsieb li jaqta' ghal kollox minn Malta. Hemm provi li juru li hu ried jigi lura Malta, u ma giex ghax martu ma riditx tigi lura Malta. Hu minnu li, b'rispett ghax-xewqa ta' martu, Michael Cassar kien, forsi, irrassenja ruhu li se jibqa' l-Awstralja, pero` ma jirrizultax li hu warrab din ix-xewqa. Anzi, wiehed jifhem illi kieku, per ezempju, b'xi disgrazzja jew b'marda kronika, il-mara tieghu kellha tmut, Michael Cassar kien jigi lura Malta kif dejjem xtaq, tant li anke baqa' jzomm ic-Cittadinanza Maltija.

Kif inghad fil-kawza **Mamo v. Mamo**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 1998, it-tibdil ta' domicilju ghandu jkun ipprovat minn min jinvokah.

Il-provi fir-rigward huma ftit skarni f'din il-kawza, u bl-ebda mod ma jirrizultaw fatti cari u precizi li jindikaw il-kambjament tad-domicilju.

Din il-Qorti mhux qed tghid li, bhala prova, trid tirrizulta dikjarazzjoni espressa ta' hsieb ta' bidla fid-domicilju, pero`, jridu, tal-anqas, jirrizultaw varji cirkostanzi li jinducu f'mohh din il-Qorti l-konvinzjoni li, qabel ma miet, Michael Cassar kien iddecieda li se jibqa' l-Awstralja. Kif intqal mill-awturi Cheshire and North, aktar qabel imsemmija,

> "*… … … there is the strongest possible presumption in favour of the continuance of a domicil of origin. As contrasted with the domicil of choice, it has been said by Lord Macnaghten that "its character is more enduring, its hold stronger and less easily shaken off.*"

Kif intqal ukoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cassar v. Montanaro Gauci et noe** deciza fit-3 ta' Dicembru, 1962, f'cirkostanzi kli ghandhom xebh mal-kawza prezenti,

> "*… … … f'nuqqas ta' xi dikjarazzjoni esplicita, jew provi ohra konkludenti u univoci, li l-konvenut ried ibiddel dan id-domicilju tieghu, jistghu jkollhom certa importanza f'dan il-kuntest il-fatti deposti minn Giulia Busuttil (fol. 49) fis-sens ta' kliem li d-debitur kien esprima xewqa li jirritorna specjalment ghall-bidu li telaq, u li ghad ghandu hutu hajjin hawn Malta, billi dawn ikomplu jkabbru d-dubju fuq riferit ghal dak li kienet l-intenzjoni vera tad-debitur meta telaq minn Malta; u hekk ghandu jigi ritenut, billi mhux pruvat kif jixraq, li huwa ma ffissax id-domicilju tieghu barra minn Malta, u kwindi ghadu suggett ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili lokali.*"

F'dan il-kaz, mill-analizi tal-fatti li ghamlet din il-Qorti, ma jirrizultax li Michael Cassar ma kellux l-intenzjoni jirritorna Malta u, kwindi, taqbel mal-atturi li l-imsemmi Michael Cassar miet domiciljat Malta u ma setax jiddisponi minn gidu b'mod li jhalli kollox lill-martu, izda kellu jirregola l-wirt tieghu skont il-provvedimenti tal-ligi ta' Malta, partikolarment, skont

kif kien allura jipprovdi l-Artikolu 603 tal-Kodici Civili. Il-proprjeta` in kwistjoni ma kinitx tappartjeni lil Maria Cassar (originarjament kienet parafernali ta' Michael Cassar) u ma setghetx tiddisponi minnhom kif ghamlet bil-kuntratt tat-8 ta' Awwissu, 2003.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tipprocedi billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici, minghajr ma tqis it-tielet u r-raba' talba li saru b'mod alternattiv.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2011, u minflok tghaddi biex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-atturi kif dedotti u, fid-dawl ta' din id-decizjoni, tichad it-tielet u r-raba' talba tal-istess atturi.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu kollha, anke dawk in prim istanza, kwantu ghal kwart ($^1/_4$) mill-atturi in solidum, u in kwantu ghal tlett kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti Gemma Duca u Jane Bezzina in solidum.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df